



2025/1269

10.7.2025

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1269

tas-6 ta' Mejju 2025

li jistabbilixxi regoli li jissupplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali ("ELAN") għall-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-kummerċ u s-suq fi prodotti agrikoli

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 223(2) tiegħu,

Billi,

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jistabbilixxi regoli li jirregolaw il-kummerċ internazzjonali fi prodotti agrikoli, inkluż ir-reqwiziti biex jiġi żgurat l-infurzar effettiv tal-formalitajiet relatati mal-kummerċ.
- (2) Sabiex tiġi appoġġata l-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u tiġi ssimplifikata l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti, jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema elettronika għall-ġestjoni tal-formalitajiet relatati mal-kummerċ agrikolu b'mod sigur u affidabbli. Jenħtieġ li dik is-sistema tissejjaħ is-Sistema elettronika għall-Formalitajiet Agrikoli Mhux doganali ("ELAN") u jenħtieġ li tiġi żviluppata bħala modulu indipendenti tas-Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti veterinarji (TRACES, Trade Control and Expert System) ⁽²⁾. Jenħtieġ li l-ELAN taħżen u tipproċessa d-dokumenti meħtieġa għat-twettiq tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni relatati mal-kummerċ fi prodotti agrikoli, kif stabbilit fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1239 ⁽³⁾, (UE) 2020/761 ⁽⁴⁾, (UE) 2020/1988 ⁽⁵⁾, u (UE) 2023/2834 ⁽⁶⁾.
- (3) Sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni u jiġi żgurat skambju ta' informazzjoni bla xkiel bejn l-awtoritajiet jew il-korpi tal-ħruġ rilevanti u l-awtoritajiet doganali, jenħtieġ li l-ELAN tkun interkonnessa mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana, kif stabbilit bir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾.
- (4) L-iżvilupp tal-ELAN jeħtieġ l-adozzjoni ta' qafas legali adegwat li jirregolah.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj>.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha (ir-Regolament IMSOC) (ĠU L 261 14.10.2019, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/1715/oj).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1239 tat-18 ta' Mejju 2016 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni (ĠU L 206, 30.7.2016, p. 44, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2016/1239/oj).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/761/oj).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 tal-11 ta' Novembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni f'konformità mal-prinċipju "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel" (ĠU L 422, 14.12.2020, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1988/oj).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2834 tal-10 ta' Ottubru 2023 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-importazzjonijiet fis-setturi tar-ross, taċ-ċereali, taz-zokkor u tal-ħops (ĠU L, 2023/2834, 21.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2834/oj).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 li jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2399/oj>).

- (5) Jenħtieġ li d-dokumenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ELAN ikunu liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni previsti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1237⁽⁸⁾ u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239, id-dokumenti maħruġa minn pajjiżi terzi meħtieġa għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji previsti fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, u (UE) 2020/1988 u d-dokumenti maħruġa minn pajjiżi terzi rregolati mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2834.
- (6) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ċari dwar id-drittijiet ta' aċċess għall-informazzjoni pprovduta mill-ELAN. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jew il-korpi tal-ħruġ kollha jkollhom aċċess għad-dokumenti maħruġa minnhom. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jew il-korpi tal-ħruġ jkollhom aċċess għad-dokumenti maħruġa minn awtoritajiet jew korpi tal-ħruġ oħra biss jekk dan ikun meħtieġ mil-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni bħala kundizzjoni għall-ħruġ tad-dokumenti fil-qasam tal-kompetenza tagħhom. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha aċċess għad-dokumenti kollha prodotti fl-ELAN jew trażmessi lilha sa fejn l-informazzjoni li tinsab f'kull dokument tkun meħtieġa biex il-Kummissjoni tkun tista' tikkontrolla l-konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jkollhom aċċess għad-dokumenti kollha meħtieġa biex iwettqu l-attivitajiet ta' kontroll tagħhom. L-awtoritajiet tal-ħruġ ta' pajjiżi terzi huma responsabbli għad-data personali integrata fid-dokumenti li joħorġu fl-ELAN jew li jittrażmettu lis-sistema.
- (7) Jenħtieġ li l-informazzjoni li tinsab fid-dokumenti prodotti fl-ELAN jew trażmessi lilha tinżamm għal perjodu limitat. Sabiex jiġi ddeterminat it-tul ta' dan il-perjodu, huwa meħtieġ li tiġi kkunsidrata l-ħtieġa li jiġi permess l-irkupru ta' dawn id-dokumenti fis-sistema, anki wara l-użu jew l-iskadenza tagħhom, f'każ ta' tilwim ċivili jew amministrattiv li jirrigwardahom jew l-obbligi li jinvolvu. Jitqies raġonevoli li dan il-perjodu jiġi stabbilit għal 10 snin li jibdew wara l-aħħar jum ta' validità tad-dokument, jew, meta ma tkun indikata l-ebda data bħal din u jekk l-aħħar jum ta' validità ma jkunx stabbilit mil-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni, li jibda mid-data meta jkun inħareġ id-dokument. Sabiex tinżamm l-integrità tad-dokument matul il-perjodu ta' żamma, jenħtieġ li l-istess regoli japplikaw għad-data kollha integrata fih, inkluż id-data personali.
- (8) Sabiex tiżgura l-funzjonament korrett tal-ELAN, is-sistema trid tipproċessa d-data personali li hija integrata fid-dokumenti u tippermetti l-identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi u l-uffiċjali pubbliċi li joħorġu d-dokumenti u ta' dawk li jaċċessawha, kif ukoll id-data personali prodotta bl-interazzjoni tal-utenti mas-sistema. Anke fin-nuqqas ta' referenzi espliċiti għall-prinċipji tal-protezzjoni tad-data personali, stabbiliti fir-Regolamenti (UE) 2016/679⁽⁹⁾ u (UE) 2018/1725⁽¹⁰⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dawk il-prinċipji huma inkorporati f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-perjodi ta' żamma tad-data personali, l-aċċess għad-data personali, it-trażmissjoni u t-trasferiment tad-data personali u s-sigurtà tad-data.
- (9) Ir-rekwiżiti li jawtorizzaw id-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti meħtieġa għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera u għall-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli koperti minn dan ir-Regolament jaffettwaw is-servizzi pubbliċi diġitali trans-Ewropej skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹¹⁾. Għaldaqstant, twettqet valutazzjoni tal-interoperabbiltà u r-rapport li jirriżulta għandu jiġi ppubblikat fuq il-Portal Ewropa Interoperabbli.

⁽⁸⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1237 tat-18 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli dwar ir-rilaxx u t-telf ta' garanziji ppreżentati għal tali liċenzji, li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001, (KE) Nru 1342/2003, (KE) Nru 2336/2003, (KE) Nru 951/2006, (KE) Nru 341/2007 u (KE) Nru 382/2008 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2390/98, (KE) Nru 1345/2005, (KE) Nru 376/2008 u (KE) Nru 507/2008 (ĠU L 206, 30.7.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2016/1237/oj).

⁽⁹⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

⁽¹¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 li jistipula miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku fl-Unjoni kollha (Att dwar Ewropa Interoperabbli) (ĠU L, 2024/903, 22.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/903/oj>).

- (10) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta' opinjoni fis-26 ta' Marzu 2025.
- (11) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffijjali tal-Unjoni Ewropea*, sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta tar-regoli qabel l-ELAN issir disponibbli għall-utenti tagħha għall-finijiet tal-ittestjar.
- (12) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-15 ta' Lulju 2025 meta, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1272 ⁽¹²⁾, l-ELAN se tkun disponibbli għall-ittestjar. Madankollu, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-perjodu ta' ħżin u żamma japplikaw biss għal dokumenti b'valur legali disponibbli fl-ELAN mid-19 ta' Jannar 2026,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jissupplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tal-ħolqien u l-funzjonament tas-sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali ("ELAN"), li għandha tkun interkonnessa mas-Sistema elettronika ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana (CSW-CERTEX) irregolata mir-Regolament (UE) 2022/2399.
2. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa l-ELAN bħala modulu indipendenti tas-sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti veterinarji ("TRACES").
3. L-ELAN għandha tkun interkonnessa mas-sistemi tal-IT rilevanti tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri, u tal-pajjiżi terzi rilevanti.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal dokumenti użati għat-twettiq ta' formalitajiet mhux doganali meħtieġa għall-kummerċ ma' pajjiżi terzi ta' prodotti koperti mis-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u għandu jirregola b'mod partikolari:
 - (a) id-dokumenti li għandhom jiġu prodotti fl-ELAN jew trażmessi lilha;
 - (b) id-drittijiet ta' aċċess għall-ELAN, u b'mod partikolari l-obbligi u d-drittijiet tal-Kummissjoni;
 - (c) l-aċċessibbiltà għad-data tad-dokumenti disponibbli fl-ELAN;
 - (d) ir-regoli dwar il-ħżin ta' dokumenti u dwar il-perjodi massimi ta' żamma tad-data;
 - (e) l-għan tal-ipproċessar tad-dokumenti elettroniċi msemmija fil-punt (a).
2. Id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu disponibbli f'forma elettronika għall-EU CSW-CERTEX permezz ta' interkonnessjoni elettronika mal-ELAN.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "EU CSW-CERTEX" hija s-Sistema ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana rregolata mir-Regolament (UE) 2022/2399;

⁽¹²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1272 tas-6 ta' Mejju 2025, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet ta' ... li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali ("ELAN") (ĠU L, 2025/1272, 10.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1272/oj).

- (b) “ELAN” tfisser Sistema elettronika għall-formalitajiet Agrikoli Mhux doganali, li hija s-sistema elettronika mhux doganali tal-Unjoni użata għall-ġestjoni tad-dokumenti elenkati fl-Artikolu 4;
- (c) “liċenzji” tfisser liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni kif definiti fl-Artikolu 1, il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1237;
- (d) “TRACES” tfisser is-sistema msemija fl-Artikolu 133(4) tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹³⁾;
- (e) “awtoritajiet tal-ħruġ nazzjonali” tfisser l-awtoritajiet tal-Istati Membri kompetenti għall-ħruġ tad-dokumenti elenkati fl-Artikolu 4, il-punt (a);
- (f) “awtoritajiet tal-ħruġ ta’ pajjiż terz” tfisser l-awtoritajiet ta’ pajjiżi barra mill-Unjoni li huma kompetenti biex joħorġu d-dokumenti elenkati fl-Artikolu 4, il-punti (b), (c) u (d);
- (g) “awtoritajiet doganali” tfisser l-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri kif definiti fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁴⁾.

Artikolu 4

Dokumenti li għandhom ikunu disponibbli fl-ELAN

L-ELAN għandha tippermetti l-ħruġ, it-trażmissjoni, il-ħżin u l-irkupru tad-dokumenti li ġejjin:

- (a) il-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni rregolati mir-Regolament Delegat (UE) 2016/1237 u mir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2016/1239;
- (b) iċ-ċertifikati tal-awtentiċità, iċ-ċertifikati tal-Arranġament ta’ Monitoraġġ Attiv (IMA1, Inward Monitoring Arrangement), iċ-ċertifikati tal-eliġibbiltà, il-liċenzji tal-esportazzjoni u iċ-ċertifikati tal-esportazzjoni rregolati mir-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 ⁽¹⁵⁾ u (UE) 2020/1987 ⁽¹⁶⁾, u r-Regolamenti ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/761 u (UE) 2020/1988, bl-eċċezzjoni taċ-ċertifikat tal-esportazzjoni stabbilit fil-parti C tal-Anness XIV.2 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/761, u taċ-ċertifikat ta’ spezzjoni stabbilit fil-parti A tal-Anness II tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/1988;
- (c) iċ-ċertifikati ta’ oriġini meħtieġa għal kwoti tariffarji speċifiċi mill-Annessi II sa XII tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/761, kif ukoll mill-Anness II tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/1988;
- (d) id-dokumenti maħruġa minn pajjiżi terzi, kif previst fl-Artikolu 31(5) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/1988;
- (e) iċ-ċertifikati ta’ awtentiċità għar-ross Basmati previsti fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2023/2834.

⁽¹³⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta’ regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj>).

⁽¹⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj>).

⁽¹⁵⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 tas-17 ta’ Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni soġġetti għal liċenzji u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-depożitu ta’ garanziji fl-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/760/oj).

⁽¹⁶⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1987 tal-14 ta’ Lulju 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-depożitu u r-rilaxx ta’ garanziji fl-amministrazzjoni ta’ kwoti tariffarji bbażati fuq l-ordni kronoloġika tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet (ĠU L 422, 14.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1987/oj).

*Artikolu 5***Obbligi u drittijiet tal-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-funzjonament, il-manutenzjoni, l-appoġġ u kwalunkwe aġġornament jew żvilupp meħtieġ tal-ELAN u tal-infrastruttura tal-IT tal-komponenti tagħha.
2. Il-Kummissjoni għandu jkollha aċċess għad-dokumenti kollha disponibbli fl-ELAN sa fejn ikun meħtieġ biex timmonitorja l-iskambju ta' data, informazzjoni u dokumenti mdaħħla jew prodotti fiha, għall-għan tal-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet potenzjali ta' konformità mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni applikabbli għad-dokumenti koperti minn dan ir-Regolament.

*Artikolu 6***Aċċess għal data, informazzjoni u dokumenti fl-ELAN**

1. Kull awtorità tal-ħruġ nazzjonali, awtorità tal-ħruġ ta' pajjiż terz, u awtorità jew korp kompetenti biex joħorġu ċertifikati ta' konformità għandu jkollhom aċċess għad-data, għall-informazzjoni jew għad-dokumenti li pproduċew fl-ELAN jew li ttrażmettewlha, kif ukoll għad-dokumenti maħruġa favur operaturi ekonomiċi bbażati fit-territorju tagħhom jew ittrasferiti lilhom.
2. L-awtoritajiet tal-ħruġ nazzjonali, l-awtoritajiet tal-ħruġ ta' pajjiż terz, u l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti biex joħorġu ċertifikati ta' konformità għandhom jitħallew jikkanċellaw jew jikkoreġu d-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 meta r-regoli tal-Unjoni applikabbli għad-dokument speċifiku jippermettu dan, u fil-limiti stabbiliti f'dawk ir-regoli.
3. L-awtoritajiet tal-ħruġ nazzjonali għandu jkollhom aċċess għal dokumenti maħruġa minn awtoritajiet tal-ħruġ ta' pajjiż terz li huma prekundizzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja tal-importazzjoni. L-awtoritajiet tal-ħruġ nazzjonali għandhom jimmodifikaw l-istatus ta' tali dokumenti fl-ELAN, jekk meħtieġ mil-leġislazzjoni applikabbli tal-Unjoni.
4. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandu jkollhom aċċess għad-dokumenti kollha disponibbli fl-ELAN li huma meħtieġa għall-kontrolli fuq il-merkanzija ppreżentata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni jew għall-esportazzjoni, kif meħtieġ mil-leġislazzjoni applikabbli tal-Unjoni.
5. Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' aċċess tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 5(2), u għad-drittijiet ta' aċċess tal-awtoritajiet tal-ħruġ nazzjonali skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet u l-korpi li ma kkontribwewx għall-produzzjoni jew it-trażmissjoni ta' data, l-informazzjoni jew id-dokumenti fl-ELAN, jew li mhumx awtoritajiet doganali involuti fir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni jew għall-esportazzjoni tal-merkanzija kkonċernata, ma għandux ikollhom aċċess għal tali data, informazzjoni jew dokumenti.
6. L-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom aċċess għall-ELAN f'konformità mal-Artikoli 9 u 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715.

*Artikolu 7***Perijodu ta' ħażna u żamma ta' dokumenti**

1. Id-dokumenti għandhom jinħażnu fl-ELAN għal perijodu massimu ta' 10 snin jew mill-aħħar jum tal-validità tagħhom, jew mill-jum meta nħarġu, jekk il-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni ma tistabbilixxix l-aħħar jum tal-validità tad-dokument.
2. Sabiex tinżamm l-integrità tad-dokumenti maħżuna fl-ELAN, id-data rilevanti li tikkonċerna l-firem elettroniċi, is-siġilli elettroniċi, il-kronogrammi u l-iskambji elettroniċi għandha tinżamm mill-ELAN u s-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri għal perijodu massimu ta' 10 snin li jibda mit-tmiem tal-perijodu ta' żamma indikat fil-paragrafu 1.
3. Id-data personali minn liċenzji, ċertifikati u dokumenti oħra msemmija fl-Artikolu 4 għandha tinħażen mill-ELAN u mis-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri għal mhux aktar minn 10 snin jew mill-aħħar jum ta' validità tad-dokument rilevanti, jew mill-jum meta nharġ id-dokument rilevanti, jekk il-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni ma tistabbilixxix l-aħħar jum ta' validità tad-dokument.

4. Meta fil-perjodu ta' żamma ta' 10 snin imsemmi fil-paragrafu 1, ikun ġie ppreżentat appell jew ikunu nb dew proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji bbażati fuq dokumenti tal-ELAN jew fejn id-dokumenti tal-ELAN jikkostitwixxu biċċa evidenza, dawk id-dokumenti jistgħu jinżammu sal-eżitu tal-appell jew tal-proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji, skont liema jiġi l-aħħar. Għal dan l-għan, id-dokumenti meħtieġa jistgħu jiġu rkuprati u użati f'forma li tintlaqa' mill-qorti mill-Istati Membri. Ladarba l-proċeduri rilevanti jiġu ffinalizzati u s-sentenza jew id-deċiżjoni rilevanti tkun legalment vinkolanti, l-Istati Membri għandhom minnufih iħassru id-dokumenti rkuprati.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-15 ta' Lulju 2025.

Madankollu, l-Artikolu 7 tiegħu għandu japplika mid-19 ta' Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2025.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN